Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 05 – Laqgħa Pubblika

**09 t' Ottubru 2024**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar L-Erbgħa 9 t' Ottubru 2024 fis-6:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 05 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **05.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **05.01.01** | Ma kienx hemm. |
| **05.02** | **Estimi Finanzjarji ( Updated Budget ) 2024** |
| 05.02.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-Estimi Finanzjarju 2024 riveduti u spjegat fil-qosor waqt il-laqgħa pubblika fejn jindika li hemm surplus ta' 56,704 euros. |
| **05.03** | **Pjan ta' Ħidma għas-snin li ġejjin** |
| 05.03.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti u mar-residenti dwar l-pjan ta' Ħidma għas-snin li ġejjin fejn spjega li l-kunsill jieħu kull opportunita li l-gvern joħroġ bħala skema għaliex l-allokazzjoni tal-gvern mhux biżżejjed biex tagħmel proġetti oħra. |
| **05.04** | **Trasport Pubbliku li jinsab fi Pjazza 4 ta' Settembru** |
| 05.04.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti u r-residenti li l-pjan għas-snin li ġejjien bil-fondi ta' Vjal Il-Kulħadd li l-kunsill jista' japplika għal dawn il-fondi hi li l-Pjazza 4 ta' Settembru tiġi pavimentata sħiħa u titkompla bl-istess porfido li sar fis-sena 2020. Biex issir pjazza miftuħa ma jridx ikun hemm tal-linja iżda is-servizz irrid jitkompla jingħata lir-residenti għalhekk il-kunsill għamel din il-laqgħa mar-residenti sabiex ikunu jafu x'qed jiġri u jekk għandhom ilmenti jew suġġerimenti jistgħu jaghmluhom f'dinil-laqgħa.<br><br>Is-sindku kompla jispjega li hemm bżonn li jinħoloq shuttle service sabiex ir-resident jitwassal fuq l-istage ta' Bormla u jirkeb mid-daħla tal-Isla. Dan is-servizz għandu jiġi offrut minn tlett bnadi tal-Isla, minn quddiem il-knisja tal-Vitorja, mill-Pjazza 4 ta' Settembru , u mix-xatt. Dan is-servizz ta' shuttle service għandu jkun aktar spiss u jkun hemm mezz ta' komunikazzjoni bejn is-servizz ta' shuttle service u tal-linja sabiex tal-linja ma titlaqx qabel ma jasal is-servizz ta' shuttle service.<br><br>Resident żgħażugħ stqarr l-opinjoni tiegħu li dan is-servizz għandu jżomm il-ħin u jkun hemm servizz aktar spiss fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu sat-tmienjata' filgħodu minnħabba ħinijiet tax-xogħol. |

| | |
|---|---|
| | Resident anzjan li kien fil-kunsill saħħaq li l-kunsill għandu jkompli jaħdem għal dan is-servizz mal-entita tat-trasport pubbliku għaliex dan ma jistgħax ikun spiża fuq il-kunsill peress dan is-servizz irrid jibqa' għaddej u mhux ikun ta' sena biss.<br><br>Din il-proposta għar-residenti li joqgħodu f'din il-Pjazza kienet ta' aħbar sabiħa li ilhom jistennew snin twal sabiex ikollom nifs ġdid u arja nadifa u aħjar li ilhom issofru tul dawn is-snin kollha.<br><br>Din l-aħbar ma kienetx  biss aħbar tajba għar-residenti li joqgħodu f'din il-pjazza biss imma li jkollok shuttle service u wieħed jista jirkeb dan is-servizz mil-venda għal-knisja u għax-xatt huwa ta' għajnuna wkoll għall-anzjani li jkollhom xirjiet li jridu jġorru. |
| **05.05** | **Ġnien il-Gardjola** |
| 05.05.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera u r-residenti  preżenti pjan ta' ħidma oħra dinid-darba fuq il-pavimentar ta' Ġnien il-Gardjola u b'fondi oħra li l-kunsill jista' japplika għalihom issir manutenzjoni ta' dan il-pavimentar u issir gabbana sabiex turisti li jżuru din il-ġawra fil-ponta tal-port il-kbir ikun jistgħu jieqfu u jieħdu cafe għal-mistrieħ u jaqraw xi ktieb fuq il-bankijiet tal-gardjola u jitpaxxew bil-veduta hekk sabiħa.<br><br>Kif semmejna l-qari, preżenti kien hemm l-Arċipriet Fr. Robin Camilleri fejn flimkien mal-kunsill qed tinġabar informazzjoni sabiex flimkien jinħareġ ktieb fuq l-Isla, dan huwa parti mill-pjan ta' ħidma għas-snin li ġejjien.<br><br>Ġie propost ukoll li l-isem L-Isla ma jibqax jintuża iżda l-isem tal-belt tal-Isla huwa l-isem Senglea li ġej minn La Sengle u dan mhux titlu iżda huwa l-isem propja ta' din il-lokalita' għaliex it-titlu huwa Citta Invicta. L-isla huwa laqam li ġiet imlaqma din il-belt għaliex ġejja mil-kelma penisola. |
| **05.06** | **Kummenti mill-Pubbliku** |
| | Wara ħafna diskussjonijiet li isemmew aktar il-fuq f'punti 05.04.01 u 05.05.01  bejn il-pubbliku u l-kunsill preżenti, ir-residenti irringrazjaw lil kunsill ta' din is-seduta u talbu li jibqgħu miżmuma aġġornati, speċjalment fuq it-trasport pubbliku fil-pjazza 4 ta' Settembru. |

| | |
|---|---|
| **05.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 05.07.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata il-laqgħa pubblika li jmiss għal nhar it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2024 fis-6:30pm |

Konfermati, illum 30 t' Ottubru 2024

IFFIRMATA_____
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA__
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv